# ĠABRA TA' QWIEL JEW GĦAJDUT FIX-XHUR TAL-BIEDJA

MINN JOSEPH SCHEMBRI

*Ikompli mill-ħarġa ta' Marzu 1990*

Korrezzjoni żgħira għax-xahar ta' Frar:
Fil-Gandlora (2 ta' Frar), it-Temp ivara (ibatti, iċiedi)
Iż-Żunżana tagħmel Żinn u t-temp (ix-xita) imur 'l inn.

Marzu - ix-xahar ta' San Ġużepp

## MEJJU

**Ix-xahar tar-riħ**

Mejju Aħsad Imqar Kien Plejju

*Dan ifisser li anke jekk ma jkunux kibru daqs il-plejju, iġbor kollox.*

Mejju Mirjieħ b'Kull Deni Stennieh

Mejju Huwa x-xahar tal-Grazzji u tad-Diżgrazzji

*Il-bdiewa jgħidu li hu x-xahar tar-riħ, imma huwa ż-żmien tat-taqlib ta' l-arja u x'aktarx li f'dan it-taqlib iġib miegħu deni u mard. Il-qawl l-ieħor narah li hu superstizjuż.*

Mejju Huwa x-Xahar tal-Fjuri u Fih il-Għomma Tibda Turi

*F'dan ix-xahar żmien tar-rebbiegħa nibdew bil-mod il-mod inħossu s-sħana.*

## ĠUNJU

**Ix-xahar ta' l-Imnarja li hija l-festa tal-biedja Maltija**

Ġunju Ġunjett Ineħħi l-Qmis u d-Dublett

*F'dan ix-xahar kulħadd jibda jaħseb biex jilbes ilbies ħafif.*

Qabel l-Imnarja (29 ta' Ġunju) La Tinsiex il-Kabozza

Qabel il-Ħġejjeġ (lejlien San Ġwann Battista) La Tbiddilx Ħwejjeġ

*Għax ġieli f'dan ix-xahar it-temp ikun għadu ma qagħadx għal kollox.*

Riħ Ta' Siegħa Jnaddaf Qiegħa

*Dari d-dris kien jibda qabel l-Imnarja. Il-bdiewa kien ikollhom xi żewġ qiegħan biex meta ma kienx jgħaddi r-riħ kienu jidirsu fuq il-qiegħa l-oħra. Meta jgħaddi r-riħ kienu jmorru u jibdew bil-luħ. Meta ġieli f'dan iż-żmien tagħmel ix-xita kienu jgħidulha "ix-xita tal-qigħan".*

Meta ż-Żara Jorqod Sidu Jqum u Jaqbad il-Minġel

*Meta ż-żara (ix-xgħir u l-qamħ) jorqod il-bidwi jrid imidd għonqu, jaqbad il-minġel u jibda jaħsad. Kienu jkunu bejn tlieta sa sitt ibdiewa jew lavranti. Jgħamlulek minn filgħodu sakemm jitbaskat u wara nofs inhar minn xi l-erbgħa sad-dlam. Jekk ikun dawl ta' qamar idumu sa xi nofs il-lejl.*

## LULJU

**Ix-xahar tad-dris jew tal-Karmnu**

It-Tin Bejn Sant Anna u San Ġwakkin Jibda Jbexxaq Fommu

*Il-festa ta' Sant Anna tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Lulju. F'dawn il-ġranet nibdew induqu xi tina bikrija.*

La Tidrisx fl-Ehtrieq Biex it-Tiben ma Jinħeliex

*Lulju huwa l-aktar xahar sħun tas-sena u f'dan iż-żmien l-aktar li nisimgħu hija l-kelma 'ehtrieq' li tfisser riħ li jaħraq. Kienu jidirsu meta jkun artab u ma jridx ikun imbaskat.*

## AWISSU

**Ix-xahar ta' Santa Marija**

F'Awissu t-Tin Tibda Tmissu

*F'dan ix-xahar it-tin iswed jew abjad tibda tmissu u dduqu biex tara jekk sarx.*

Santa Marija Ddur mad-Dar

*Għal Santa Marija (15 ta' Awissu) il-bidwi jkun irid iħallas il-qbiela. F'kull dar jew razzett ikollhom kamra speċjali jgħidulha d-dar. Din kienet kamra fejn jerfa' l-borża (l-flus) jew xi ħaġa oħra.*

F'Santa Marija s-Sinjur Jifraħ

*F'Santa Marija s-sinjur jiftaħ idu għall-flus u għal xi fenek jew serduk.*

San Bartilmew (24 ta' Awissu) jgħati l-Imfietaħ tax-Xita

*Hekk kif tgħaddi Santa Marija s-sħana tibda tbatti. L-ajru filli jkun bnazzi u filli jilta' s-sħab u*

*jgħamel ix-xita. Il-bdiewa lil San Bartilmew kienu jassoċjawh max-xita.*

Awissu x-Xemx Taħarqu u x-Xita Tmissu

*Bħal ta' qablu, wara Santa Marija mhux l-ewwel darba jew tnejn li għamlet xi ħarba xita.*

**SETTEMBRU**

**Ix-xahar tal-Vitorja jew tal-għasir tal-għeneb**

F'San Mattew (21 ta' Settembru) Iżra t-Tewm

*Għal San Mattew huwa l-aħjar żmien biex tiżra t-tewm.*

F'San Mikiel (29 ta' Settembru) Aqta' r-Rummien

*Għal San Mikiel huwa l-aħjar żmien biex tiġbor ir-rummien qabel ma' jibda l-maltemp.*

Għall San Mikiel Lesti l-Gandlier

*Għal San Mikiel filgħaxija jkun dalam sewwa, għalhekk ixgħel il-gandlier.*

**OTTUBRU**

**Ix-xahar tar-Rużarju**

L-Aħjar Żmien Għax-Xita Huwa f'Tar-Rużarju

*L-aħjar żmien għax-xita jibda tajjeb minn l-ewwel Ħadd ta' Ottubru.*

F'Santa Tereża (16 ta' Ottubru) Iżra l-Qamħ u Suq bin-Niggieża

*L-ewwel trid taħdem l-art tajjeb għax kemm taħdem l-art, tieħu. F'dan iż-żmien jibda tajjeb ukoll biex tiżra x-xgħir l-ewwel u l-qamħ warajh.*

F'San Xmun (28 ta' Ottubru) Iżra fin-Niexef Jew Mibdul

*Peress li żmien ilu ma kienx hawn l-għodod u inġenji biżżejjed, kienu jaħsbu biex jiżirgħu għan-nofs ta' Ottubru x-xgħir u l-qamħ.*

**NOVEMBRU**

**Ix-xahar ta' l-Erwieħ jew ta' l-Inżieħ tal-weraq**

Għal San Anard (6 ta' Novembru) Iżra F'Kull Art

*Jekk tkun għamlet xi ħalba xita u jagħmel temp taż-żriegħ, aħjar tiżra l-qamħ.*

F'San Martin Jiftħu t-Tin taċ-Ċappa

*Wara li jkun spiċċa l-frott kollu tas-Sajf u ta' l-aħħar ir-Rummien ikun wasal biex jispiċċa, allura joħorġu t-tin imqadded li jkunu ħasbu għalih fis-Sajf.*

Sant Andruja (30 ta' Novembru) Nofs il-Muna Mitmuma u l-Miżirgħa Miżrugħa

*Il-muna hija dik il-ħażna ta' l-għalf għal bhejjem. Il-bidwi jrid joqgħod attent li sa dan iż-żmien jkun għad baqgħalu nofs il-għalf. Irid ikun lest miż-żriegħ ukoll.*

Fir-Raba Li Hu Ħamri Iżra Kmieni u fil-Bajjad Imwaħħar

*Jekk ir-raba huwa ħamri iżra kmieni kemm jista' jkun, jekk ir-raba huwa bajjad iżra aktar tard għax l-art iddum tgħattih.*

**DIĊEMBRU**

**Ix-xahar ta' San Nikola jew tal-Milied**

Sa Qabel il-Milied La Bard u Lanqas Ksieħ

*It-temp sa qabel il-Milied ġieli jkun għadu ma kesaħx. Il-biċċa l-kbira jiksaħ malli joqrob il-Milied.*

Meta l-Milied Taħt il-Bejt, il-Għid Fuq il-Bejt u Meta l-Milied Fuq il-Bejt, il-Għid Taħt il-Bejt

*Jekk il-Milied ikun fil-maltemp, il-Għ^d ikun bnazzi. Jekk fil-Milied ikun bnazzi, il-Għid ikun tal-maltemp. Fil-Milied u fil-Għid jista' jkun bnazzi jew maltemp.*

Santa Barbara (4 ta' Diċembru) La Deni u Lanqas Ħsara

*Meta jkun maltemp kbir tar-ragħad u tas-sajjetti kienu jitolbu lil Santa Barbara biex tiskansahom mid-deni u mill-ħsara.*

Nhar San Tumas (21 ta' Diċembru) il-Ġuranata Titwal Pass ta' Ħmar Qammas

*Il-ġurnata tibda titwal ftit mill-21 ta' Diċembru 'l hemm.*

**TMIEM**